MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-4 ta' Lulju, 2017

Rikors Maħluf Numru 468/15LM

**L-Avukat Dottor Henry Antoncich L.P., LL.D. (K.I. 446650M) fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju tal-assenti Slodoban Kozarev (Passaport Serb Nru 007324114)**

***vs.***

**JDS Manufacturing Limited (C 2711)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-18 ta' Mejju, 2015 mill-Avukat Dottor Henry Antoncich fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju tal-assenti **Slobodan Kozarev** (minn issa 'l quddiem "l-attur"), li jgħid kif ġej:

1. *Illi l-fatti li jsegwu huma fatti li ġew mgħoddija lil Dr Henry Antoncich mill-patroċinat tiegħu Slobodan Kozarev, ta' nazzjonalità Serba, imwieled fit-22 ta' Jannar, 1977* (recte), *u detentur ta' Passaport Serb numru 007324114.*

2. *Illi l-imsemmi Slobodan Kozarev kien impjegat mas-Soċjetà intimata JDS Manufacturing Limited bħala "Computerised Robotic Machine Operator" fix-xogħol tal-injam.*

3. *Illi nhar il-Ġimgħa s-6 ta' Settembru, 2013 waqt li l-istess Slobodan Kozarev kien qed jagħmel xogħol fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata huwa weġġa' gravament f'idejh ix-xellugija meta s-swaba' nqabdulu mill-blades tar-"rotating saw" tal-magna li kien qed jaħdem fuqha.*

4. *Illi l-istess Slobodan Kozarev sarlu intervent kirurġiku f'idu x-xellugija: fost affarijiet oħra l-indiċi ġie parzjalment amputat u ġie trattat għal kura tas-seba' tan-nofs u dawk iż-żgħar. F'okkażjonijiet oħra kellhom isirulu interventi oħra. Huwa tilef l-impjieg tiegħu, u inoltre b'riżultat ta' dan il-korriment lanqas jista' jimpjega lilu nnifsu.*

5. *Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti dwar is-sigurtà fuq il-post tax-xogħol da parti tas-soċjetà intimata.*

6. *Illi l-attur sofra danni inġenti b'riżultat tal-istess inċident serju, kompriżi d-danni naxxenti minn diżabilità fiżika permanenti.*

7. *Illi l-istanti interpella lis-soċjetà intimata biex tersaq għal-likwidazzjoni bonarja u ħlas ta' danni iżda din baqgħet inadempjenti.*

*Għaldaqstant tgħid is-soċjetà intimata l-għaliex ma għandhiex dina l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi, previa kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għall-inċident tas-6 ta' Settembru, 2013 fuq riferit u dana minħabba negliġenza, traskuraġni u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti dwar is-sigurtà tax-xogħol da parti tagħha.*

2. *Tillikwida d-danni kollha li sofra l-attur nomine b'riżultat ta' dan l-inċident, jekk hemm bżonn permezz ta' periti nominandi.*

3. *Tikkundanna lis-soċjetà intimata tħallas lill-attur nomine d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-3 ta' Frar 2015, tal-Mandat ta' Sekwestru numru 791/2015 preżentat kontestwalment, u bl-interessi legali kontra s-soċjetà konvenuta minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **JDS Manufacturing Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") li ġiet ippreżentata fil-15 ta' Ġunju, 2015 u maħlufa minn John Sammut, li biha eċċepiet:

1 *Illi l-eċċipjenti ma taħti bl-ebda mod għall-allegat inċident, u ma naqset bl-ebda mod fil-konfront tal-attur.*

2 *Illi l-attur jaħti waħdu għall-inċident li jallega li ġarrab.*

3 *Illi mingħajr preġudizzju, u f'kull każ, it-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fil-liġi u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur.*

4 *Illi konsegwentement l-eċċipjenti ma hija responsabbli għal ebda danni konsegwenzjali li l-attur jgħid li sofra.*

5 *Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Marzu, 2017 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza, u l-partijiet ingħataw il-fakultà li jiskambjaw noti ta' sottomissjonijiet.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-attur.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Din il-kawża tikkonċerna inċident fuq il-post tax-xogħol li seħħ fis-6 ta' Settembru, 2013 fil-fabbrika tal-għamara ta' JDS Manufacturing Limited, il-Marsa. L-attur, ta' nazzjonalità Serba, ġie impjegat mis-soċjetà konvenuta fl-20 ta' Mejju, 2013, ftit wara li ġie Malta ifittex xogħol ta' mastrudaxxa. L-inċident ġara filwaqt li hu kien qed jopera magna li taħdem bl-elettriku *spindle moulder*, meta x-xafra tal-magna qatgħatlu barra wieħed mis-swaba' (*index finger*) u parti mis-saba' l-kbir (*thumb*) ta' idu x-xellugija u kisritlu l-għadam ta' swaba' oħra tal-istess id.

L-attur qiegħed jitlob il-ħlas ta' kumpens mis-soċjetà konvenuta għad-danni li sofra b'konsegwenza tal-imsemmi inċident li huwa jgħid li huwa imputabbli lis-soċjetà konvenuta minħabba negliġenza, traskuraġni u non-osservanza tar-regolamenti dwar siġurtà u saħħa fuq il-post tax-xogħol.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta qed tiċħad kull responsabbilità għall-inċident u tgħid li dan kien biss tort tal-attur u għaldaqstant qiegħda tikkontendi li ma għandha tikkumpensah għal ebda danni.

**Provi u riżultanzi**

L-attur **Slodoban Kozarev**[1] jgħid illi twieled fit-22 ta' Jannar, 1977, li għandu nazzjonalità Serba u tgħallem u ħadem ta' mastrudaxxa għal 13-il sena fis-Serbja. L-attur ġie Malta f'Mejju, 2013 ifittex xogħol minħabba l-pagi baxxi ġewwa pajjiżu u ftit ġimgħat wara li wasal Malta ġie impjegat tramite David Sammut mas-soċjetà konvenuta fl-20 ta' Mejju, 2013, b'paga ta' €4.25ċ fis-siegħa[2] mit-Tnejn sal-Ġimgħa u nofstanhar is-Sibt. Il-paga fis-siegħa kienet l-istess irrispettivament jekk jaħdimx ħinijiet normali jew sahra. Mis-soċjetà konvenuta kellhom joħdulu ħsieb tal-*working permit* bħala *computerised robotic machine operator.*

Kozarev jiddeskrivi l-atmosfera fuq ix-xogħol bħala waħda diffiċli minħabba li l-impjegati kienu ftit, iżda kien hemm ħafna xogħol u kienu kontinwament taħt pressjoni biex ifittxu jlestu x-xogħol, tant li kienu jaħdmu 12-il siegħa kuljum bi *break* ta' nofs siegħa biss u nhar ta' Sibt kien jaħdmu tmin sigħat.

L-attur jgħid illi fil-fabbrika kien hemm problema li kienet tinkwetah ħafna li kien iddiskutieha diversi drabi ma' David Sammut, it-tifel tas-*senior director* tas-soċjetà konvenuta, John Sammut, liema problema kienet tikkonċerna t-*templates*. Dawn it-*templates* kellhom l-iskop li jnaqsu r-riskji ta' korrimenti 'l għaliex waqt li jkunu qegħdin jiddisinjaw l-injama, permezz tax-xafra fil-magna, fil-forma tal-għamara li jkunu qegħdin jaħdmu fuqha, il-ħaddiem iqiegħed l-injama fit-*template* u b'idejh iżomm it-*template* u mhux l-injama. Imma skont l-attur, David Sammut ma riedx jaf għax din li joqgħodu jagħmlu

[1] Affidavit *a fol.* 13 sa 16 tal-proċess.
[2] *A fol.* 17 sa 19, kopja tal-*payslips* tal-attur.

t-*templates* kien jikkunsidraha bħala ħela ta' ħin. L-attur jgħid li kien kellem lill-kollega tiegħu fuq ix-xogħol, Serb ukoll, Dusan Apic, biex imorru jkellmu lid-direttur John Sammut dwar il-ħtieġa tat-*templates,* però ma kinux marru jkellmuh għax sostna li Apic beża' li jekk imur miegħu setgħu jkeċċuh. Minħabba f'hekk l-attur jgħid li kien sfurzat għal ħafna mix-xogħol tiegħu mas-soċjetà konvenuta li jaħdem mingħajr *templates*.

Slobodan Kozarev jgħid li dakinhar tal-inċident kien qed jagħmel żewġ partijiet tal-injam bħal xulxin tal-istess *cabinet* u jiddeskrivi l-magna li kien qed jaħdem fuqha, l-i*spindle moulder,* bħala magna antika, li kellha *emergency switch* mal-art li jħadem bis-saqajn, li però ma kienx jaħdem u li anki kieku kien jaħdem, kien jieħu 20 sekonda biex iwaqqaf it-tidwir tax-xafra tal-magna, li kienet iddur b'velocità ta' 10,000 tidwira fil-minuta. L-attur jgħid li x-xafra, li kienet kbira, ma kellha ebda *guard* magħha ta' protezzjoni u l-injama li kien qed jaħdem fuqha bil-magna kienet pjuttost żgħira u ma kelliex *template.* Kozarev jgħid li hekk kif ressaq l-injama max-xafra, ix-xafra ġibdet l-injama u subajgħ ta' idu x-xellugija lejha u s-swaba' tiegħu nqabdu taħt ix-xafra.

Wara li seħħ l-inċident l-attur ittieħed l-isptar minn Chris Xuereb, li jiġi r-raġel tat-tifla tad-direttur John Sammut. L-attur jgħid li David Sammut ċempel lil Xuereb biex jgħid lill-attur jinża il-flokk li kellu bil-*logo* tal-kumpannija, biex ma tiġix implikata s-soċjetà konvenuta fl-inċident. L-attur jgħid li ma jafx jekk l-Pulizija jew l-Awtorità għas-Saħħa u Siġurtà fuq il-Post tax-Xogħol kinux infurmati bl-inċident.

L-attur esebixxa kopja tal-ittra uffiċjali li ntbagħtet f'ismu qabel il-kawża u tal-ittra uffiċjali responsiva tas-soċjeta konvenuta.[3]

In kontroeżami l-attur jgħid[4] illi wara l-inċident mar jaħdem bi prova mas-soċjetà konvenuta għal ġurnata waħda biss biex jassisti fl-istallazzjoni ta' bibien għand xi klijent, meta l-feriti tiegħu kienu għandhom friski, imma ma reġgħux bagħtu għalih mis-soċjetà konvenuta biex ikompli jaħdem magħhom. L-attur mar lura s-Serbja fejn dam ma sab xogħol għal xi sena u nofs u mill-1 ta' April, 2016 beda jaħdem ta' mastrudaxxa ma' ditta li tipproduci l-għamara. Mitlub mill-kontroparti jesebixxi xi dokument bħala prova, esebixxa rakkomandazzjoni favorevoli ħafna ta' ċertu Slobodan Vesovic għan-nom tas-soċjetà System Design f'Novi Sad, is-Serbja.[5]

Kozarev stqarr li qabel ma ġie Malta huwa diġà kellu esperjenza fuq magni tal-istess tip bħal dik li korra biha. L-attur jgħid li David Sammut u Chris Xuereb, meta daħal jaħdem magħhom, spjegawlu kif jixgħel u jitfi l-magni li kellhom u kif ibiddel l-għodda. L-attur jinnega li dawn kienu wissewh dwar il-magna partikolari li korra biha, biex meta jaħdem biha ħalli jagħmel disinji u forom irregolari, ma jaqtax l-injam minn qabel. L-attur jinsisti li dejjem segwa l-istruzzjonijiet ta' Sammut u Xuereb u jgħid li l-injam li kellu jaqta' dakinhar kien fuq ordni tagħhom. L-attur jerġa' jsemmi s-suġġeriment tiegħu tat-*templates* u qal li meta pprova xi drabi jagħmel waħda, David Sammut jew Chris Xuereb, kienu jwaqqfuh.

---

[3] L-ittra uffiċjali, li segwiet korrispondenza oħra u *e-mail,* hi datata 3 ta' Frar, 2015, fejn is-soċjetà konvenuta ġiet interpellata biex taddivjeni għal-likwidazzjni bonarja tad-danni u kopja tagħha tinsab esebita *a fol.* 34 tal-proċess, fiwaqt li permezz tal-ittra uffiċjali responsiva *a fol.* 35 tal-proċess, is-soċjetà konvenuta ssostni li ma naqsitx bl-ebda mod fil-konfront tal-attur u li mhijiex responsabbli għall-akkadut.

[4] *A fol.* 89 sa 92.

[5] *A fol.* 93 tal-proċess.

Slobodan Kozarev jammetti li fil-perjodu li kellu l-inċident kien inkwetat minħabba l-*work permit* tiegħu. L-attur iżid jgħid li fuq ix-xogħol kellhom jaħdmu ħinijiet twal biex ilaħħqu u kien iħossu eżawst.

Meta mistoqsi dwar ilmenti li kienu jsiru min-naħa tas-soċjetà konvenuta dwar il-kwalità tax-xogħol tiegħu, l-attur jgħid li dawn kienu jkunu fuq xogħol li skont huma ma jkunx ħareġ tajjeb jew b'qisien żbaljati u fil-fatt ix-xogħol li kien qed jagħmel fil-mument tal-inċident kien diġà lestih ġurnata qabel, u kellu jerġa' jagħmlu mill-ġdid għax ix-xogħol ħareġ bid-*damage* u l-għada John Sammut tah injama diġà maqtugħa biex jerġa' jagħmel id-disinn fuqha. Din kienet tad-daqs 5 cm b'tul ta' 50cm.

Xehed ukoll **Dusan Apic**[6] ta' nazzjonalità Serba bħall-attur li kien jaħdem miegħu bħala impjegat tas-soċjetà konvenuta. Dan spjega li kellu 20 sena esperjenza bħala mastrudaxxa u kien għadu jaħdem mas-soċjetà konvenuta[7] u kien spiċċa l-uniku mastrudaxxa mas-soċjetà konvenuta, apparti David Sammut, li però kien jinvolvi ruħu f'xogħol ta' superviżjoni u *spraying.* Dan ix-xhud ikkonferma l-ħinijiet ta' xogħol twal li semma l-attur fl-affidavit tiegħu. Ix-xhud ikkonferma li l-magna li kien qed jaħdem fuqha l-attur, meta seħħ l-inċident, għalkemm ma rax l-inċident hekk kif seħħ, dak il-ħin kienet qiegħda llokjata li taħdem fuq massimu ta' 10,000 *spins per minute.* Apic jgħid li meta kien ħadem fuq dik il-magna, l-*emergency switch* ta' mal-art ma kienx qed jaħdem. Ix-xhud ikkonferma li l-attur kien qallu bis-suġġeriment li jagħmel *templates* għal dawk ix-xogħlijiet li ma kellhomx, iżda David Sammut ma kienx aċċetta u kkonferma wkoll li ma ridtx imur mal-attur biex ikellmu lil

[6] *A fol.* 36 u 37 tal-proċess.
[7] Fid-data li ħalef l-affidavit, u ċjoè fit-3 ta' Settembru, 2015.

John Sammut dwar it-*templates* għax kien għadu kif beda x-xogħol mas-soċjetà konvenuta u beża'.

Dusan Apic jgħid li l-għada tal-inċident ra lil David Sammut ikompli l-biċċa xogħol li kien qed jagħmel l-attur meta weġġa', però Sammut ħadmilha *template* u wżaha fuq din il-biċċa xogħol. Ix-xhud żied jgħid li kellhom ħafna pressjoni fuq ix-xogħol biex jgħaġġlu għax kellhom ħafna xogħol iżda mhux biżżejjed ħaddiema, u kemm David Sammut u Chris Xuereb kienu l-ħin kollu jgħajtu mal-impjegati biex iħaffu.

In kontroeżami x-xhud Dusan Apic jikkorreġi ruħu billi jgħid li meta għamel l-affidavit kien diġà telaq mill-impjieg li kellu mas-soċjetà konvenuta. Xogħlu kien ta' mastrudaxxa bħall-attur. Meta ġara l-inċident, hu kien wara l-attur jaħdem fuq magna oħra. Spjega li ħadem mas-soċjetà konvenuta madwar sena u anki hu ħadem fuq lis-*spindle moulder.* Ix-xhud jikkonferma li kien induna li l-*emergency switch* ma kienx jaħdem xi xahrejn qabel l-inċident. Ma kellux idea li l-magni kien isirilhom *maintenance.* Hu qal li kien sar jaf lill-attur l-ewwel darba mhux waqt ix-xogħol mas-soċjetà konvenuta imma xi għaxar snin qabel meta kienu jaħdmu flimkien ġewwa s-Serbja.

Mistoqsi jekk is-soċjetà konvenuta kienet twissi frekwentement lill-attur, Apic jgħid li dan kien iseħħ mhux biss fil-konfront tal-attur imma fir-rigward tal-impjegati kollha u dan dwar il-kwalità mhux tajba ta' xogħol u biex jgħaġġlu fuq xogħolhom. Ix-xhud jgħid li kien telaq mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta minħabba dak li jsejjaħ abbuż, u ċjoè problemi bil-*working permit,* il-pressjoni fuq ix-xogħol biex ilestu malajr u minħabba l-kwantità eċċessiva ta' xogħol li kellhom. Ix-xhud jikkonferma li l-magna *spindle*

*moulder* kellha *switch* biex tixgħel u titfi l-magna li kien qiegħed xi 70 centimetru 'l fuq mill-art u pedala ta' emerġenza mal-art.

Id-direttur tas-soċjetà konvenuta, **John Sammut**[8] xehed li huwa ma kienx irrapporta l-inċident inkwistjoni lill-kumpannija tal-assigurazzjoni tas-soċjetà konvenuta, Atlas Insurance u jgħid ukoll li ma jafx jekk xi ħaddieħor mill-kumpannija kienx irrapporta. Mistoqsi mill-avukat tiegħu fejn kien waqt l-inċident, qal li kien fl-uffiċċju tal-fabbrika stess jaħdem u sar jaf bl-inċident wara li l-attur kien ittieħed l-isptar.

**David Sammut**[9] xehed li hu l-*production manager* tas-soċjetà konvenuta u li ma kien jaf xejn dwar is-salarju u *bonus* u *overtime* tal-konvenut. Mistoqsi mill-avukat tiegħu x'kien xogħlu, semma li kien jieħu ħsieb il-produzzjoni u l-ħaddiema. Lill-attur jiftakru impjegat mas-soċjetà konvenuta għal xi sena u nofs. Ix-xhud jgħid li huwa ma kienx fil-fabbrika meta seħħ l-inċident għax kien l-isptar. Ix-xhud isemmi[10] li l-attur kien traskurat fix-xogħol tiegħu u kien iħalli l-*guards* tas-*safety* tal-magni miftuħin u jipperikola lilu nnifsu kif ukoll lill-ħaddiema li jaħdmu warajh fuq il-magni. David Sammut jgħid li fil-perjodu tal-inċident, l-attur ma kienx moħħu fuq ix-xogħol, u jgħid li ma jafx għaliex. Però hu kien irrapputah lil John Sammut xi xahar jew xahrejn qabel l-inċident. Ix-xhud jgħid illi sussegwentement John Sammut kien kellem lill-attur waħdu, ma jafx x'kien qallu, però lilu John Sammut qallu wara li kellem lill-attur, biex joqgħod għajnejh fuqu u jekk ikompli b'dik l-attitudini, jaraw x'se jagħmlu.

---

[8] *A fol.* 47 sa 50.
[9] *A fol.* 58 sa 64.
[10] *A fol.* 61.

In rieżami, ix-xhud David Sammut ikkonferma li l-attur qatt ma ngħata *warnings* bil-miktub, iżda bil-fomm biss. Peress li hu kien *production manager* iżda kien l-isptar fil-ħin tal-inċident, ma kienx ċert minn kien responsabbli minfloku dak il-ħin, jekk hux John Sammut jew Chris Xuereb.

**Jennifer Xuereb Sammut**[11] li tieħu ħsieb l-*administration* u s-*sales* tas-soċjetà konvenuta, ikkonfermat il-paga tal-attur kienet ta' €4.25 is-siegħa u għalkemm kien jaħdem *full time,* qalet li l-ħinijiet kemm jaħdem kien jagħżilhom hu skont il-*production.* Għall-*overtime* l-attur kien jitħallas bis-siegħa siegħa. Dwar jekk irrapportatx il-korriment tal-attur lill-Atlas Insurance, tgħid li ma kienx hemm bżonn u mistoqsija minn din il-Qorti dwar l-FS3 relatata ma' kemm kien attwalment jaħdem l-attur, wieġbet: "Aħna f'*February* tal-2014, *we submitted* l-*FS3s* u tista' ssibha hemmhekk."

Xehed ukoll **David Saliba**[12], rappreżentant tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, li kkonferma li qatt ma saru jafu b'dan l-inċident li seħħ il-Marsa fis-6 ta' Settembru, 2013 nonostante li suppost skond l-Avviż Legali 52 tal-1986, l-*employer* kellu jinforma lill-Awtorità[13], u lanqas qatt kellhom xi rikjesta biex issir spezzjoni fil-fabbrika.

---

[11] *A fol.* 79 sa 81.

[12] *A fol.* 44 sa 46.

[13] "LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 424.09 - REGOLAMENTI DWAR POSTIJIET TAX-XOGĦOL (SAĦĦA, SKANSAR U ĦSIEB ĠENERALI) - 22. (1) Għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti kull inċident li jiġri kawża tax-xogħol jew in konnessjoni miegħu li jagħti lok jew għal - (*a*) mewt jew feriment gravi ta' xi persuna ...... għandu jkun inċident li għandu jingħata tagħrif dwaru u għandu għalhekk jiġi rappurtat lid-Direttur. (2) (*a*) Meta inċident li għandu jingħata tagħrif dwaru jagħti lok għall-mewt jew feriment gravi ta' persuna, min iħaddem għandu - (i) javża minnufih lid-Direttur jew lir-rappreżentant tiegħu bl-iktar mod prattiku u mingħajr dewmien; u (ii) fi żmien sebat ijiem mid-data ta' l-inċident jibgħat avviż tal-inċident bil-miktub lid-Direttur".

**P.C. 1357 Brenton Gilford**[14], mill-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid xehed li qatt ma rċevew rapport dwar dan l-inċident. Id-distrett tal-Pulizija li tlaħħaq miegħu din l-għassa jinkludi lir-Raħal Ġdid, il-Marsa u Ħal-Luqa.

**Dr Thomas Armatis**[15] xehed li hu kien xogħol fid-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei fid-data tal-inċident. Ma jiftakarx jekk kienx għamel rapport u mela formola u għaddieha lill-pulizija li jkun hemm fl-Emerġenza, però qal jekk ma jiġbidlux xi ħadd l-attenzjoni li dan seta' kien każ li għandhom jidħlu l-Pulizija, il-probabbiltà hija li ma rrealizzax li dan kien każ li kellhom jirrappurtaw lill-Pulizija.

Min-naħa tagħha s-soċjetà konvenuta ppreżentat tliet affidavits ta' Joseph Germani, impjegat irtirat tas-soċjetà konvenuta, Joshua Peplow**,** ex impjegat tal-istess soċjetà u Christopher Xuereb, li jiġi r-raġel tat-tifla ta' John Sammut id-direttur tas-soċjetà konvenuta.[16]

**Joseph Germani** li rtira ftit wara l-inċident tal-attur, jgħid li kien jisma' lil David Sammut u Chris Xuereb iwissu lill-attur li ma jmurx iweġġa' hu jew iweġġa' lil ħaddieħor *"per eżempju meta jgħaddi ix-xogħol malajr u ma jiġix galbat".*

**Joseph Peplow**, illum *self employed,* lill-attur jafu rasu iebsa u ma jobdix l-ordnijiet, bħal pereżempju meta kontra li jgħidulu kien jaqta' l-injam qabel

[14] *A fol.* 65 u 66.
[15] A fol. 77 u 78.
[16] Rispettivament *a fol.* 83, 84 u 85.

ma jagħmlilhom id-disinn bil-magna, *spindle moulder,* fejn allura l-injam kien ikun iżgħar u wieħed iżjed jista' jweġġa'.

**Chistopher Xuereb** fix-xhieda tiegħu jikkonferma li kien wassal lill-attur l-Emerġenza fil-jum tal-inċident għax kien hu fuq il-ħaddiema dakinhar fl-assenza ta' David Sammut. Hu jgħid li lill-impjegati kien dejjem iwissihom joqogħdu attenti fuq il-magni. Ix-xhud jiftakar li David Sammut kien jgħidlu li l-attur kien rasu iebsa u mhux dejjem jobdi l-ordnijiet tiegħu.

Xehed ukoll **Raymond Gatt**[17], *technician,* illum irtirat, li kien għamel ħamsa u erbgħin sena jaħdem bħala *technician* fuq magni kbar, impjegat fiż-żmien ma' Magro Brothers fuq magni tal-ipproċessar tal-ikel, Bluebell Wrangler, *clothing* u ma' FXB tal-għamara. Ix-xhud jgħid illi sa sena u nofs qabel ma rtira, kien darbtejn fis-sena f'Awwissu u Diċembru, jagħmel *maintenance* tal-magni tas-soċjetà konvenuta u kien imur il-fabbrika tagħhom jekk ikollhom xi magna bil-ħsara. Ix-xhud jiftakar il-magna *spindle moulder* tas-soċjetà konvenuta u jgħid li kien anki jiċċekjalha s-*safeties.* Ix-xhud jgħid li l-i*spindle moulder* kellha żewġ tipi ta' *safety measures,* waħda biċ-ċavetta biex tintefa meta tbiddel ix-xfafar u l-oħra għall-emerġenza. Jiftakar li darba sabilha l-*cable* tal-*emergency brake* mhux tajjeb għax ma kienx qed jorbot biżżejjed. Ma kienx ċar ix-xhud liema kien eżatt l-*emergency switch* u xi drabi ddeskrivih li jiġi adoperat bis-saqajn u xi drabi bl-idejn. Ix-xhud ikkonferma li l-magna kellha mill-inqas 25 sena u li kellha *guard* li tinżel fuq kollox biex kemm tgħaddi biss l-injama u l-*guard* kienet tgħatti sa qabel l-aħħar tliet pulzieri.[18]

---

[17] *A fol.* 95 sa 110.
[18] *A fol.* 106.

Xehed ukoll **John Sammut** li meta ttella' jixhed mill-attur, qisu ried jagħti l-impressjoni li ftit li xejn kien jaf x'qed jiġri fil-fabbrika tant illi saħansistra qal li għad li kien qed jaħdem l-uffiċċju fil-fabbrika stess meta seħħ l-inċident u sar jaf bl-inċident wara li l-attur kienu ħaduh l-isptar. Imma issa li tela' jixhed bħala xhud prodott mis-soċjetà konvenuta, ix-xhieda tiegħu kienet ferm aktar estensiva u dettaljata. Sammut qal li għandu erbgħin sena esperjenza bħala mastrudaxxa, u jaf li l-magni kien isirilhom *maintenance* kull sena f'Awwissu u Diċembru minn ċertu Raymond Galea. Ix-xhud jgħid li ħadd qatt ma semmielu li l-*emergency brake* tas-saqajn tal-magna *spindle moulder* kien difettuż, la qabel u lanqas wara l-inċident.

Dwar il-kwistjoni tat-*templates,* John Sammut jgħid li la l-attur u lanqas ħaddieħor ma kien kellmu fuqhom dawn, u qal li minn hu mastrudaxxa tas-sengħa jaf li f'ċerti każijiet għandhom jintużaw *templates* meta oġġett ikun żgħir biex jintuża taħt magna minħabba *safety* u jgħid li fil-*cupboards* kien hemm diversi qisien ta' *templates* li setgħu jintużaw mill-ħaddiema. John Sammut jgħid illi kien parti mix-xogħol tal-impjegati li jagħmlu t-*templates* fuq xi biċċa xogħol jekk ikun hemm bżonnhom u ma jkunx hemm *templates* lesti. Ix-xhud iżid jgħid li fl-2013, is-sena meta korra l-attur, ma kinitx sena li kellhom xogħlijiet kbar ta' lukandi, li jirrikjedu *deadlines.* Sammut jgħid li jekk l-attur kellu *stress,* dan kien minħabba xi ħaġa personali tiegħu. Fl-2013 kellhom biss xi ordnijiet ta' djar privati.[19]

In kontroeżami John Sammut jgħid li b'kollox kellu 15-il ħaddiem inkluż it-tfal tiegħu, ir-raġel tat-tifla u impjegati tax-*showroom.* Mistoqsi jekk is-Serbi li

[19] Dan mhux rifless però meta imqabbel mal-paga tal-attur għal dak il-perjodu ta' Ottubru u Settembru, *a fol.* 17 sa 19, fejn jidher li bir-rata ta' €4.25, xi drabi l-attur kien jaħdem anki 55 siegħa fil-ġimgħa.

kellu miegħu, ċjoè l-attur u Apic, kinux jafu dwar fejn kienu t-*templates,* jgħid li kemm huma u kemm il-Maltin kienu jafu fejn hu l-uffiċċju tiegħu u setgħu jkellmuh kif kull impjegat kien ikellmu jekk ikollu xi ħlas nieqes fil-paga.[20] Mistoqsi wkoll kif kien jaf li Kozarev kien kapaċi jaħdem fuq dawn il-magni wieġeb:

> "Kull ma saqsejtu meta ġie, saqsejtu 'inti ħdimt fuq *spindle moulder*, fuq *plainer*, fuq tal-ixkattlar?' Qalli 'iva' u jiena qabbadtu."[21]

Illi kwantu għad-danni pretiżi minnu, l-attur esebixxa tliet ritratti ta' idu x-xellugija kif inhi llum[22], tliet rapporti tal-Isptar Mater Dei[23] u rapport tal-kirurgu ortopediku **Mr Jason Zammit** li l-attur kien ikkonsulta miegħu privatament.[24]

Fir-rapport tiegħu Mr Zammit jagħmel riferiment għal dak li rrakkontalu l-attur, u ċjoè li x-xafra tal-magna li qabditlu s-swaba' ta' idu x-xellugija, ma kellha ebda *guard* u li l-attur ma ħadimx aktar bħala mastrudaxxa mill-ġurnata tal-inċident. Apparti dak li seta' jikkonstata mir-rapporti tal-isptar minfejn jirriżulta li l-attur kellu: *"1) partial amputation of the left index finger, 2) degloving injury to the thumb with damage to the nail matrix u 3) multiple open fractures of the middle ring and little fingers"*, Mr Zammit jgħid li l-attur kien inkwetat bid-dehra ta' idu ix-xellugija u kien jidher rassenjat li mhux se jkun jista' jaħdem iktar. Mill-eżami li għamillu Mr Jason Zammit, irriżultalu li:

---

[20] *A fol.* 135.
[21] *Ibid.*
[22] *A fol.* 21 sa 23.
[23] L-ewwel rapport ta' meta l-attur ittieħed l-isptar fil-11.09.13, *a fol.* 24 u 25, it-tieni rapport dwar meta l-attur kien l-isptar mill-14.09.13 sat-18.09.14, *a fol.* 26 u 27 u t-tielet rapport dwar meta l-attur kien l-isptar fil-11.11.13, *a fol.* 28.
[24] *A fol.* 30 u 31 tal-proċess, datat 4 ta' Frar, 2015. *A fol.* 29 ġiet ippreżentata rċevuta ta' Mr Jason Zammit bħala ħlas għar-rapport għas-somma ta' €220.

*"**Examination***

*Left hand:*

*Thumb: loss of full extension with damaged nail. (h/o previous injury to the left thumb)*

*Index: Amputation at the proximal phalanx level with stump tip sensitivity.*

*Middle: gross ulnar deviation of the finger at the level of the proximal phalanx with scarring over the extensor aspect.*

*Ring: Scar acrosss the extensor aspect of the proximal phalax with gross reduction of movement at the interphangeal joints.*

*Little: Mallet type deformity with reduced range of motion at the interphalangeal joints.*

*Grip: Able to touch palm with little finger, 1cm. lag by ring and >5 cm. lag with the middle finger*

*No other injuries.*

***Opinion and disability***

*Mr Kozarev has suffered a devastating injury to his left hand after this incident which has grossly reduced the function of his hand. His overall permanent disability as a direct result of this incident is **22%**."*

Dan ir-rapport bl-ebda mod ma ġie kkontestat mis-soċjetà konvenuta u lanqas ma ġie mitlub minnha li ssir il-ħatra mill-Qorti ta' espert mediku biex jirrelata dwar id-diżabbiltà tal-konvenut.

L-attur ippreżenta wkoll ittra bonarja u *e-mail* mill-avukat tiegħu[25], datati 20 ta' Frar 2015 u 20 ta' Marzu, 2015 rispettivament, fejn għalkemm kien bagħat lis-soċjetà konvenuta kopja tar-rapport tat-tabib kif kien mitlub minnha, is-soċjetà konvenuta baqgħet ma weġbitux.

L-attur ma ressaq ebda provi dwar *damnum emergens,* ħlief għall-irċevuta għar-rapport tal-*orthopedic surgeon ex-parte* li tinsab *a fol.* 20, fl-ammont ta' €220.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

F'każ bħalma huwa dan, ta' verżjonijiet ta' provi dijamettrikalment opposti għal xulxin u dwar apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja.[26] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbiltajiet.[27]

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin, anzi, meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Kif ingħad:

[25] *A fol.* 32 u 33 rispettivament.
[26] **Borg vs. Bartolo**, Appell Inferjuri, 25.06.1980.
[27] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994), **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace** (Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** A.K., 25.02.1952.

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[28]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta' verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[29]"

Illi mill-provi li ġew prodotti, din il-Qorti hi konvinta li s-soċjetà konvenuta kienet tieħu kemm tista' mix-xogħol tal-ħaddiema tagħha.

---

[28] **Carmelo Farrugia *vs*. Rokku Farrugia**, Qorti Ċivili, 24.11.1966 *per* Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran.
[29] *Vide* ukoll P.A., 09.12.2011, **Dr. Elizabeth Vella M.D. *vs*. Bieb Bieb Limited *et.***

Tqis bħala mhux verosimili dak li xehdu d-direttur tas-soċjetà konvenuta John Sammut u bintu Jennifer Xuereb Sammut, li kien jiddependi mill-impjegati kemm riedu jtellgħu xogħol. Il-pressjoni u s-sigħat tax-xogħol kienu ċertament iddettat mill-eżiġenzi tax-xogħol u bħala negozju tal-familja operat mill-missier, it-tifel u tifla tiegħu u mir-raġel tat-tifla, żgur li kienu għassa li kulħadd kien ikun qed jagħti l-massimu tiegħu. L-asserzjoni tal-attur u tal-impjegat l-ieħor Serb Dusan Apic, li kienu jaħdmu ħinijiet twal kuljum hi korroborata mill-*payslips* tal-attur.

Il-membri tal-familja Sammut li jmexxu s-soċjetà konvenuta, fix-xhieda tagħhom jagħtu l-impressjoni li donnhom riedu jaħbu ħafna mill-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' dawn il-ħaddiema barranin. Mill-provi jirriżulta li l-magna partikolari li kien qed jaħdem fuqha l-attur, *spindle moulder* kellha aktar minn 25 sena u ma kellha ebda *safety features* ġodda maħduma fiha u s-*safety features* li kellha kienu dawk oriġinali. Il-mod leġġer kif id-direttur tas-soċjetà konvenuta John Sammut kien iddeċieda li jħaddem lill-attur permezz ta' *'interview'* ta' ħmistax-il sekonda billi staqsieh jekk qatt ħadimx fuq dawn it-tipi ta' magni, kif ukoll il-mod kif David Sammut kien qal lill-attur kif jixgħel u jitfi l-magna u kif ibiddel il-*blades* mingħajr ebda taħriġ bażiku, juri nuqqasijiet serji min-naħa tas-soċjetà konvenuta fir-reklutaġġ tal-impjegati tagħha. David Sammut ressaq xhieda biex jikkorraboraw li huwa lill-attur fil-fatt kien jgħidlu biex jogħqod attent fuq il-magni u b'hekk Sammut ħaseb li jista' serraħ moħħu mir-responsabbilitajiet u obbligi li kellu fir-rigward tal-attur bħala l-*employer* tiegħu.

Fir-rigward tat-*templates,* John Sammut xehed li bħala mastrudaxxa kwalifikat l-attur kien messu jaf li meta juża injam ta' daqs żgħir fuq dawn it-tip ta'

magni, huwa kellu juża t-*templates* għas-sigurtà tiegħu. Sammut jgħid ukoll li l-ħaddiema suppost kienu jafu fejn jinsabu dawn it-*templates* u jekk ma jkunx hemm tad-daqs meħtieġ, kellhom jaħdmuhom il-ħaddiema stess. Madankollu mill-provi ma jirriżultax li qatt kien iddiskuta jew informa b'dan lill-attur u lill-ħaddiema l-oħra u ppretenda li l-ħaddiema kellhom ikunu jafu b'dan minn rajhom. Imma ibnu David Sammut li kien jissorvelja x-xogħol fix-*shop floor*, kien jinsisti mal-attur biex ma jaqtax l-injam qabel ma jdaħħalhom fl-i*spindle moulder* biex ma jkunx ta' daqs żgħar u jinħolqu inċidenti u kien jgħidlu wkoll biex ma joqgħodx jagħmel *templates* għax dawn kienu ħela ta' ħin. Jekk wieħed joqgħod fuq ix-xhieda mressqa mis-soċjetà konvenuta, jidher li ma kienx hemm direzzjoni waħda mill-*management* bħala *modus operandi* u akkoppjat dan mad-*deadlines* li kellhom l-impjegati, dan żgur ma kienx jawgura tajjeb għal post tax-xogħol sigur, speċjalment f'ambjent ta' xogħol fejn kien hemm magni li minnhom infushom kienu perikolużi.

Tqis illi l-attitudni ta' John Sammut għal dik li hija saħħa u sigurtà tal-impjegati fuq il-post tax-xogħol, ċertament ma kinitx dik mistennija minn *bonus paterfamilias,* meta bi kliemu stess jgħid fix-xhieda tiegħu li jekk il-ħaddiema jonqoshom xi ħaġa, bħal fejn kienu qegħdin jinżammu t-*templates*, oġġetti li huma essenzjali biex il-ħaddiem jaħdem b'aktar sigurezza u inqas riskju għall-inkoluminità tas-swaba' ta' idejh, kienu jafu fejn isibuh l-uffiċċju u kulma kellhom jagħmlu kien li jistaqsuh. L-*employer* kien tenut f'dan il-każ li jiffaċilita l-miżuri ta' sigurtà u jagħmilhom aċċessibbli għall-impjegati tiegħu jekk tabilħaqq kienu jeżistu u mhux jippretendi li l-ħaddiema jiskopruhom waħidhom jew iridu joqogħdu jistaqsu biex jiskopruhom.

L-i*spindle moulder* li kellha fuqha aktar minn 25 sena u li ma kellhiex *safeguards* moderni adegwati mibnija fiha, ċertament kienet qed tistenna li jseħħ xi inċident serju f'xi ħin jew ieħor. Raymond Galea, it-*technician* li kien imur il-fabbrika tas-soċjetà konvenuta darbtejn fis-sena biex jagħmel il-*maintenance* ta' dawn il-magni, jispjega li l-*guard* kienet tħalli spazju ta' xi tliet pulżieri biex ovvjament taħdem bl-injama u ma kien hemm xejn aktar xi jżomm is-swaba' milli jinġibdu mal-injama. Fix-xhieda tiegħu Dusan Apic jgħid illi wara li kien korra l-attur, David Sammut biex spiċċa jaħdem il-biċċa xogħol li kien qed jaħdem fuqha l-attur, kien għamel *template* apposta.

Skont ix-xhieda mressqa mis-soċjetà konvenuta, l-attur kellu rasu iebsa u ma kienx jobdi l-ordnijiet li kien jingħata u *dato non concesso* li dan kien minnu, għalfejn il-*management* tas-soċjetà konvenuta ma tterminatlux l-impjieg jekk tassew dan kien qed jipperikola lilu nnifsu u lil ħaddieħor. Mhux kredibbli lanqas li jekk tassew l-attur kien qiegħed juri insubordinazzjoni u negliġenza waqt ix-xogħol tiegħu, li John Sammut ikellem lill-attur waħdu u ma jgħidx x'kien qal lil Kosarev ma' ibnu stess David Sammut. Lanqas mhuwa kredibbli jekk tabilħaqq l-attur kien ilu jippersisti f'din l-imġiba, li dan ma ngħatax *warning* bil-miktub biex dan iservi ta' evidenza f'każ ta' x'inċident.

Mhux hekk biss, meta seħħ l-inċident inkwistjoni, kien id-dmir ta' min iħaddem li javża b'dan lill-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Is-soċjetà konvenuta naqset milli tagħmel dan u ma saritx spezzjoni fi żmien xieraq mill-istess Awtorità biex anki tiġi ppreservata l-evidenza. Dan ukoll ixaqleb ferm lejn il-verosimiljanza tax-xhieda tal-attur fl-affidavit tiegħu meta jgħid li David Sammut ipprova tramite Chris Xuereb jikkonvinċi lill-attur

meta kien l-isptar, biex jinża l-flokk li kellu fuqu bil-logo tal-fabbrika biex ma jitfax suspett fuqhom. Dan kollu meta l-attur kellu problemi bil-*work permit* tiegħu, u s-soċjetà konvenuta dan żgur kienet tafu, li iġġegħluh joqgħod lura milli jagħmel rapport huwa stess.

Illi skont il-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar ir-responsabbiltà għall-inċidenti fuq il-post tax-xogħol, din titfa' oneru qawwi fuq l-*employer* li għandu jara li l-impjegati tiegħu ma jiġrilhomx deni u ħsara fuq il-lant tax-xogħol. L-*employer* irid mhux biss jipprovdi lill-ħaddiema b'*safety equipment*, iżda irid jassigura li dak l-equipment jintuża. Min iħaddem irid ukoll jipprovdi dak li hu msejjah "*a safe system of work*", u din is-sistema trid tieħu in konsiderazzjoni:

> "l-atmosfera fil-post tax-xogħol, id-diffikultajiet li jsib il-ħaddiem fil-kors tax-xogħol tiegħu, il-ħinijiet twal, l-għaġġla fix-xogħol, nuqqas ta' għajnuna minn ħaddiema oħra li jkunu inkarigati biex jaħdmu miegħu fuq dan ix-xogħol" - **Schembri *vs.* Caruana** deċiża mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-12 ta' Jannar, 1983."

Għal dan kollu, huwa s-sid li jrid jkopri lill-ħaddiem. Irid, fi kliem ieħor, ikopri lill-ħaddiem kontra l-aljenazzjoni tiegħu stess, u jekk jonqos minn dan l-obbligu, avolja jista' jkun hemm grad ta' negligenza mill-ħaddiem stess, is-sid irid, fi grad jew ieħor, jirrispondi għad-danni li jirriżultaw. Kif qalet din il-Qorti fil-kawża **Calleja *vs.* Fino**[30] il-fatt li, fil-passat, qatt ma nqalgħu problemi jew ilmenti, ma jfissirx li s-sistema adoperata kienet *safe*:

[30] P.A., 10.10.1980.

> *"It is the employer's duty to provide a safe system of work. Any injury to which the employee has not contributed would be the sole responsibility of the employer. The fact that the system adopted has been in use for years without incident, is not proof that the system is safe; the accident in question justifies this".*[31]

Fil-kawża Ingliża **Wilsons and Clyde Coal Co. *vs.* English**, deċiża mill-*House of Lords* fil-1937, Lord Maugham osserva:

> *"In the case of employments involving risk … it was held that there was a duty on the employer to take reasonable care, and to use reasonable skill, first, to provide and maintain proper machinery, plant, appliances, and works; secondly to select properly skilled persons to manage and superintend the business, and thirdly to provide a proper system of working".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Borg *vs.* Wells *et***, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ[32], jingħad li:

> *"In planning a system of work, the employer must take into account the fact that workmen became careless about risks involved in their daily work".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Grech *vs.* Ellul**, deċiża minn din il-Qorti kif diversament preseduta[33], intqal:

> *"It is the duty of every employer to take all reasonable care for his employee's safety in all circumstances at their place of work".*

[31] *Vide* f'dan is-sens P.A., **Simon Chetcuti *vs.* Alec Mizzi *et***, 20.06.2002.
[32] 09.09.1981.
[33] 27.06.1996.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Grech *vs.* Farrugia**, deċiża mill-Qorti tal-Appell[34], intqal li:

> *"Il-makkinarju għandu jkun imħares b'mod illi ma jirrekax ħsara lil min qed jaħdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jaħdem fuqu, jew juża dak il-makkinarju mingħajr dik l-attenzjoni u prudenza li wieħed jistenna bħala normalità. U dan, biex jagħmel tajjeb għal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u għaqal, li jsofri ħaddiem industrijali, proprju għaliex dik l-aljenazzjoni tkun, fil-maġġoranza tal-każijiet, indotta mill-istess natura tal-attività industrijali".*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Mifsud *vs.* Camilleri**, deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell[35], is-sid instab responsabbli għall-inċident meta l-ħaddiem, imqiegħed fuq *platform* biex ineħħi boltijiet minn belt, żelaq minn fuq il-*platform* u weġġa'. Il-Qorti osservat li din il-possibilità kienet prevedibbli u s-sid instab responsabbli għax ma kienx hemm *guards* jew forma oħra ta' protezzjoni madwar il-*platform*.[36]

Fis-sentenza fl-ismijiet **Barbara *vs.* Airmalta p.l.c.** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri)[37], dwar responsabbiltà ngħad:

> "L-attur jidher li qiegħed isostni li hu kien imġiegħel jaħdem sigħat twal mas-soċjetà konvenuta u li l-inċident stradali seħħ minħabba li kien għajjien wara *shift* twil u għalhekk jimplika li s-soċjetà konvenuta naqset li tipprovdi *a safe system of work* għall-impjegat tagħha li kienu ġew *seconded* mal-Azzurra Air, iżda mill-provi ma jirriżultax mill-*file* li l-attur talab li jiġi *relieved* minn *duties*. L-attur ikkontenda li r-*roster* tiegħu ma kienx qed jiġi miżmum u li kawża ta' hekk sar l-inċident. Il-Kap 16 artikolu 1032 jgħid:

[34] 07.12.1994.
[35] 06.11.1978.
[36] *Vide* P.A. **Deguara *vs.* Scicluna *noe et*** datata 19.10.2006.
[37] 26.03.2010.

"(1) Jitqies fi ħtija kull min fl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja."

Għalhekk il-Qrati tagħna dejjem żammew li jeżistu tliet elementi biex tirnexxi azzjoni għal danni:

1 – Il-fatt dannuż illeċitu,
2 – L-imputabilità tal-istess fatt għal min ikun għamlu,
3 – Id-dannu kaġjunat minn dan l-istess fatt hu doluż jew li jwassal għal *culpa* da parti ta' min ikun għamlu **Agius *vs.* Busuttil**, Qorti tal-Appell, 14.12.1982 fejn min jinstab responsabbli għal danni jkollu konnessjoni loġika ta' kawża u effett.

L-awtur Taljan Torrente jiddefinixxi l-*culpa* bħala:

*"un' evento si dice colposo quando non è stato intenzjonalmente procurato ma si è verificato a causa di negligenza, imprudenza o imperizia, ovvero per inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline."*

L-attur isostni li l-kwantità ta' xogħol li kien hemm kien voluminuż ħafna u li l-i*staff* ma kienx suffiċjenti biex jilħaq mal-volum ta' xogħol. Infatti irriżulta li spiss kien ikun hemm *overtime* kif ukoll kien hemm proċedura li jaħdmu fl-*off days*. Ċertament l-impjegati kienu kuntenti b'din is-sistema wkoll minħabba li kienu jaqilgħu aktar flus kif ukoll kellhom il-possibbiltà li jinżlu lura Malta aktar frekwenti jew aktar fit-tul biex ipattu tas-sigħat twal ta' xogħol li jkunu għamlu. Żgur li l-attur ma ġiex sfurzat biex jidħol għax-xogħol iżda fl-istess ħin kien aġir sewwa tas-soċjetà konvenuta li tħaddem lill-ħaddiema tagħha dawk is-sigħat twal kollha b'mod li l-impjegati jkunu daqshekk għajjenin?"

Anki fil-każ odjern kien hemm ċertament sitwazzjoni ta' pressjoni u sigħat twal ta' xogħol u l-Qorti hija moralment konvinta li l-attitudni tal-*management* kienet tali li jfittex kemm jista' jkun li jitħaffef ix-xogħol, fejn il-ħaddiema jaħdmu sigħat twal ta' xogħol inkluż is-Sibt u ma jitħallsux tal-*overtime* u jitħallsu bis-siegħa siegħa, u fejn is-soċjetà konvenuta ma kinitx

tagħti l-importanza dovuta lis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol u tissorvelja kif xieraq l-perikli li l-impjegati kienu jqegħdu lilhom infushom fihom biex jgħaġġlu. Terġa' u tgħid meta seħħ l-inċident inkwistjoni, is-soċjetà konvenuta bi ksur tal-liġi, ma rrappurtatx l-inċident lill-awtoritajiet kompetenti u lanqas lill-kumpannija tal-assigurazzjoni tagħha u l-għada sebaħ jum ġdid u qisu qatt ma kien xejn.

Is-sentenza suċitata fl-ismijiet **Barbara *vs.* Airmalta p.l.c.** dwar *safe system of work* tgħid:

> "Minn dak imsemmi hawn fuq jemerġi ċar li min iħaddem għandu dejjem juża d-diliġenza ta' *bonus pater familias* inkluż li għalhekk jipprovdi *a safe system of work* għax altrimenti jkun responsabbli għal eventwali danni. Huwa ċertament responsabbli għal danni min jimpjega b'mod li:
>
> 1. Ix-xogħol kien jinvolvi riskju ta' korriment li seta' jkun raġjonevolment previst,
>
> 2. Ir-riskju kien il-kawża tal-korriment,
>
> 3. Tali riskju seta' ġie evitat.
>
> F'dan l-istadju l-Qorti sejra tikkwota minn sentenza tagħha kif presjeduta mogħtija fid-19 ta' Ġunju, 2007 fl-ismijiet **Armando Caruana *vs.* Filomeno Pace *noe*** fejn ingħad:
>
> "Ċertament jinkombi fuq l-*employer* li jipprovdi *a safe system of work* għall-impjegati tiegħu, kemm jekk ix-xogħol isir f'fabbrika kif ukoll jekk il-ħaddiema jintbagħatu jaħdmu barra mill-fabbrika. Xogħol barra mill-fabbrika xorta waħda għandu jkun *safe system of work* u dan japplika mill-bidu nett sal-aħħar nett li jkun qiegħed isir ix-xogħol. Huwa d-dover ta' min iħaddem li qabel ma jibgħat il-ħaddiema tiegħu fuq il-lant tax-xogħol jivverifika li l-kundizzjonijiet huma *safe* u mingħajr riskji għall-ħaddiema tiegħu. Għalhekk huwa d-dover ta' min iħaddem li jispezzjona

l-post tax-xogħol u jevalwa r-riskji involuti u li ma jkunx hemm periklu għall-ħaddiema. Taħt kull ċirkostanzi l-ħaddiem m'għandux jiġi mqiegħed fil-periklu bla bżonn."

Kif tajjeb osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawża **Bugeja *vs.* Montanaro Gauci**, deċiża fl-14 ta` Mejju, 2004:

"huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilità li l-ambjent kollu fejn jaħdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-iċkenn possibilità ta' infortunji fuq ix-xogħol. Dan l-obbligu huwa ġeneralment rikonoxxut bħala dmir tal-*employer* li jipprovdi '*a safe place of work*'"

L-istess prinċipju nsibuh fil-kawża **Gauci *vs.* Korporazzjoni Enemalta**, deċiża fl-10 ta' Ottubru, 2006 fejn ingħad:

"qabel ma jintbagħat ħaddiem jaħdem fuq sit, minn iħaddem għandu obbligu "li tagħmel eżami jew spezzjoni sempliċi sabiex tara min qabel li l-post u l-ambjent fejn ikun ser isir ix-xogħol huwa wieħed *safe*"."[38]

Finalment qiegħed isir riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony D'Anastasi *vs.* Korporazzjoni Enemalta**[39]:

"Huwa faċli għal dak li jipprovdi x-xogħol illi jwaħħal fl-impjegat għax uża għodda mhux koperti minn apparat ta' sigurtà; iżda fuq kollox l-impjegat ikun qed jaħdem għall-aħjar ta' min jagħtih ix-xogħol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-għodda jkun medd idejh għax-xogħol. Ma hux sew fil-fehma tal-Qorti li wieħed jattribwixxi xi tort lill-attur u ngħidulu li kien aħjar li ħasel idejh.

Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Schembri *vs.* Caruana** nomine deċiża fit-12 ta' Jannar, 1983, *employer* illi jkun jaf li fil-makkinarju tiegħu hemm perikolu u ma jieħu ebda passi biex jirrimedja għal dan, jesponi ruħu għall-konsegwenzi legali li joħorġu minn dan... L-

---

[38] Ara hawn ukoll P.A., **Stanton *vs.* Schembri & Sons Limited**, 16.12.2013, A.Ċ.**,** **Zammit *vs.* Aquilina *noe***, 2.2.1995, A.Ċ., **Portelli *vs.* Leone Ganado *et,*** 15.12.2005, ilkoll ikkwotati mill-attur fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, kif ukoll P.A., **Pulis *vs.* Agrisupplies Ltd. *et***, 09.11.2005 u P.A., **Raymond Borg *vs.* Polidano Brothers Limited**, 02.10.2002. Inċidentalment l-aħħar żewġ sentenza kienu wkoll dwar inċidenti fuq il-post tax-xogħol fejn l-atturi tilfu swaba' ta' idejhom.

[39] P.A., 28.06.2005.

> *employer* (għandu jaħseb) illi jippjana sew ix-xogħol u jikkunsidra l-fatt li l-istess ħaddiema ġieli jittraskuraw ir-riskji nvoluti fix-xogħol tagħhom ta' kull jum."

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li s-soċjetà konvenuta jmissha żgurat illi l-magna li kien qed jaħdem biha l-attur jew issirilha l-protezzjoni meħtieġa jew inkella tiġi skartata għalkollox u ma jużaha ħadd u tiġi sostitwita b'magna aktar moderna b'sigurtà ferm ogħla, aktar u aktar meta x-xogħol li qegħdin jagħmlu l-ħaddiema kien wieħed frenetiku fejn jgħaddu minn magna għal oħra.

Kwantu għad-danni, kif diġà ngħad, l-attur bħala ***damnum emergens*** qed jitlob biss il-ħlas ta' €220 li għamel għar-rapport tal-kirurgu ortopediku *ex-parte*, u ma ressaq ebda provi oħrajn dwar danni li diġà sofra, u dan meta hu risaput li l-Qorti trid tiddeċiedi skont il-liġi u abbażi tal-provi li jiġu sottomessi quddiemha. Fid-dawl tal-prinċipji li jitnisslu mill-ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, li min qed jallega jrid jipprova hu dak li qed jallega jew *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*, kif wara kollox jgħid ċar u tond l-artikolu 562 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-danni jrid jippruvahom l-attur u l-attur naqas li jagħmel dan għall-finijiet ta' *damnum emergens* għajr għall-ħlas ta' €220 tal-kirurgu ortopediku *ex-parte.*

Illi għall-finijiet ta' ***lucrum cessans,*** l-attur ipproduċa dokumentazzjoni[40] dwar x'kien jaqla' qabel l-inċident, u ċjoè medja ta' €400 kull ġimgħatejn. Il-kirurgu ortopediku Mr Jason Zammit fir-rapport tiegħu[41] inkarigat mill-attur stess, jasal għal konklużjoni illi l-attur għandu kawża tal-inċident mertu tal-kawża,

[40] *A fol.* 17 sa 19.
[41] *A fol.* 30 sa 31.

diżabilità permanenti ta' tnejn u għoxrin fil-mija (22%). Kemm *ai termini* tal-artikolu 563A tal-Kap. 12[42] u kemm skont il-ġurisprudenza lokali[43], x-xiehda ta' espert *ex parte* tista' tiġi aċċettata bħala xhieda aktar u aktar meta din ma tkunx ġiet ikkontestata mill-kontroparti. Għaldaqstant il-Qorti ma tara ebda raġuni għalfejn m'għandhiex toqgħod fuq ir-rapport tal-espert mediku *ex parte* Mr Jason Zammit.

Barra minn hekk il-Qorti tqis illi għall-finijiet ta' *lucrum cessans ai termini* tal-artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili, m'għandu jagħmel l-ebda differenza li l-attur illum qed jerġa' jaħdem bħala mastrudaxxa. Id-diżabbilità permanenti xorta hemm qiegħda u żgur li din fit-tul ta' żmien se taffettwalu l-kapaċitajiet manwali u lavorattivi tiegħu.

Il-*quantum* tad-danni futuri sejjer jiġi ikkalkulat b'dan il-mod:

L-attur twieled fit-22 ta' Jannar, 1977 u meta seħħ l-inċident fis-6 ta' Settembru, 2013 kellu għalhekk kważi 37 sena. L-introjtu tiegħu qabel l-inċident ġie ikkalkulat fuq medja ta' €400 kull ġimgħatejn u allura kellu introjtu ta' €10,400 fis-sena. Ma' dan ser iżżid is-somma ta' €3,000 biex tagħmel tajjeb għal żidiet fl-għoli tal-ħajja tul iż-żmien li ser jintuża bħala *multiplier.*

Bħala *multiplier* ser jintuża l-perjodu ta' sitta u għoxrin (26) sena, tenut kont tal-età tal-attur fi żmien l-inċident, tal-*working life expectancy* tal-attur

[42] "563A. (1) Meta persuna tissejjaħ bħal xhud, l-opinjoni tagħha fuq kull kwistjoni rilevanti li dwarha hi kwalifikata tagħti xhieda bħala espert, għandha tintlaqa' bħala xhieda biss jekk, fil-fehma tal-qorti, dik il-persuna jkollha l-kwalifiki meħtieġa dwar dik il-kwistjoni."

[43] P.A. **Michelina Busuttil *et vs.* Peter Borg**, 06.10.2011.

f'kuntest fejn il-*life expectancy* tal-bniedem żdiedet sostanzjalment, u taċ-*chances and changes of life*.

Il-komputazzjoni tat-telf bħala *lucrum cessans* għandha ssir b'dan il-mod: €13,400 x 26 x 22% = €76,648. It-tnaqqis għal *lump sum payment* solitament hu ta' 20% imma billi għaddew aktar minn tliet (3) snin mill-inċident mertu tal-kawża, japplika tnaqqis għall-ħlas *lump sum* ta' 16%. Għalhekk bħala *lucrum cessans* l-attur huwa intitolat jingħata: €13,400 x 22% x 26 x 0.84 = €64,384.

Mas-somma ta' €64,384 dovuta lill-attur bħala *lucrum cessans* qegħdin jingħaddu wkoll id-danni ppruvati bħala *damnum emergens* ta' **€220,** u għalhekk id-danni totali dovuta lill-attur qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' **<u>€64,604.</u>**

## <u>Decide</u>

**Għaldaqstant għar-raġunijiet suesposti l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' t-talbiet tal-attur u tiddikjara lis-soċjetà konvenuta JDS Manufacturing Limited unikament responsabbli għall-inċident li seħħ fis-6 ta' Setembru, 2013 fejn weġġa' gravament l-attur Slobodan Kozarev waqt li kien qed jagħmel xogħol fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta u dan minħabba negliġenza, traskuraġni u**

**nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti dwar sigurtà tax-xogħol da parti tas-soċjetà konvenuta;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, sitt mija u erba' Euro (€64,604);**

**3. Konsegwentement tikkundanna lis-soċjetà konvenuta għall-ħlas tad-danni kaġunati u likwidati favur l-attur fis-somma ta' erbgħa u sittin elf, sitt mija u erba' Euro (€64,604).**

**Bl-imgħax li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u bl-ispejjeż kollha tal-kawża kontra s-soċjetà konvenuta.**

Moqrija.